MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

**It-Tnejn, 6 t'April, 2020**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' on-line minflok fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**17.1.1** Is-Sindku nforma lill-membri lis-Sa Courtney Farrugia tinsab indisposta għaliex tinsab xogħol minħabba l-pandemija tal-COVID-19

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

## 17.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tal-15.1 -il laqgħa b'urġenza ġew approvati unanimament.
Minuti tas-16 –il laqgħa ġew approvati unanimament

## 17.2.2 Korrezzjonijiet

**17.2.2.1** Minuti ta1-15.1 –il laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-"6.15pm" u mhux fil-"5.15pm"

**17.2.2.2** Minuti tas-16 –il laqgħa

Minuta 16.3.1- "diskusskoni" issir "diskussjoni" u wara Triq il-Kanun tiżdied "faċċata tal-bring in site"
Minuta 16.3.2 – titneħħa l-frażi "li jinsab fi Triq il-Kbira San Ġużepp"
Minuta 16.3.2 (i) – titneħħa l-frazi "li jinqalgħu" u ssir "jiġu rilokati"
Minuta 16.7.1 – titneħħa "għalsdaqstant" u issir "għaldaqstant"

## 17.3 Punti mqajma mill-minuti

17.3.1 **Minuti 15.1** – Is-Sindku informa lil membri li uffiċċjalment kiteb lill-Ministru Aaron Farrugia sabiex issir reviżjoni tas-Central Local Plan iżda ġie nfurmat li m'hemmx ħsieb li fil-qarib li din ir-revizjoni issir. Is-Sindku qal li l-Ministru Farrugia nfurmah li ser issir reviżjoni tal-SPDT. Wara diskusskoni ġie deċiż sabiex il-laqgħa informattiva li kienet pjanata li ssir fil-25 ta' Mejju fis-6:30pm tiġi posposta minħabba minħabba s-sitwazzjoni li ninsabu fiha u ssir fid-19 t'Ottubru fl-istess ħin.

17.3.2 **Minuti 16**

17.3.2.1 **Minuta 16.3.1** – Is-Sindku informa lill-membri li dwar il-problema tal-iskart u l-knis kien previst li ssir laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill iżda minħabba din is-sitwazzjoni dan ma setax isir. F'dan ir-rigward ġie suġġerit sabiex issir laqgħa on-line mal-Avukat.

17.3.2.2 **Minuta 16.3.2 -** Is-Sindku talab lis-Sur Silvio Vella sabiex jinforma lill-membri dwar il-monument tal-gwerra. Is-Sur Vella informa lill-membri li minħabba is-sitwazzjoni tal-COVID19 ma setax jagħmel l-ebda komunikat u għaldaqstant meta ser tgħaddi din is-sitwazzjoni ser ikun jista' jkompli jaħdem fuq il-pjan ta' dan il-proġett.

Is-Sindku talab lil Dott.Carabott il-pjan li kellu jippreżenta fuq arbli dekorattivi u planters fi Triq Romeo Romano, Misraħ Santa Venera u Triq il-Ferrovija. Dott. Carabott informa lill-membri li minħabba s-sitwazzjoni ma kien iltaqa' mas-Sotto-Kumitat iżda kien ser jagħmel kuntatt magħhom u ser jippreżenta il-pjan fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza fuq fond ta' €60k

fejn li l-Kunsill jista' japplika ghalihom fuq proġett li jrid ikun proġett sostenibbli li jippromwovi energija sostenibbli. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għal l-ispazju li hemm f'Santa Venera mhux ser tkun facli izda Dott. Carabott ippropona li ġaladarba li d-dekasteru tal-Ambjent huwa s-sotto Kumitat tiegħu kien ser jipprepara proposta sabiex tkun preżentata fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**17.3.2.3** **Minuta 16.7.2** - Is-Sindku informa lill-membri li minħabba is-sitwazzjoni tal-COVID19 l-attivitajiet li kienu ppjanati għal żmien l-Għid ġew imħassra.

**17.3.2.4** **Minuta 16.7.3** - Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jinforma lill-membri dwar il- feeders. Is-Sur Dimech informa lill-membri li f'Santa Venera hawn 16 –il feeder reġistrati u għaldaqstant huma identifikati. Apparti minhekk is-Sur Dimech ukoll ikkonferma li ħadd minn dawn reġistrati m'għandhom 'il fuq minn 65 sena.

**17.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**17.4.1** Is-Sindku ma kellux l-ebda komunkazzjoni għal din il-laqgħa

**17.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

**17.5.1** Is-Sur Joe Vella staqsa fuq it-traffic lights ta' Triq il-Ferrovija ta' ħdejn il-Park Towers.

Is-Sindku informa lis-Sur Vella li TM kellhom jibgħatu pjanta diretta lil Park Towers rigward it-tibdil li kellu jiġi propost.

**17.5.2** Is-Sur Joe Vella staqsa fuq il-kaxxa safra Keep Clear ta' quddiem l-entratura tal-uffiċini tal-BOV fi Triq Carini

Is-Sindku informa lis-Sur Vella li din ssir meta jkun hemm l-approvazzjoni minn naħa ta' Transport Malta

**17.5.3** Is-Sur Vella xtaq ukoll inofrmazzjoni dwar l-Smart Bins li kellhom isiru fi Triq il-Madonna tal-Karmnu u iehor fi Triq Dun Xand Cortis.

Is-Sindku nfurmah li l-proċess tat-tender jieħu l-ħin u dan ma jddependix mill-Kunsill. Huwa kompla billi nfurmah li din it-tender kellha toħroġ għall-Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex pero kien ser jitlob sabiex jara fejn wasal il-proċess.

**17.6 Rapporti/Korrispondenza**

**17.6.1** Is-Sindku informa lill-membri li il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv għalqet u għaldaqstant issuġġerrixxa sabiex din il-ħatra tkun estiża sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid li iżda trid tiġi mġedda kull tlett xhur.

Il-membri qablu ma dak li kien suġġerit.

**17.6.2** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand is-Sur Daniel Fenech Adami Marketing Director ta' Goto Malta li jixtiequ joffru bla ħlas is-servizz tal-*free car sharing* (elettriċi) lill-kunsill f'dan iż-żmien tal-COVID-29.

Wara diskussjoni il-membri qablu unanimament ma' din il-proposta.

**17.6.3** Darren Carabott informa lis-Sindku dwar it-talba li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sa Charlene Fabri, mill-Fakulta tas-Social Wellbeing, sabiex jitwaħħal banner sabiex issir promozzjoni dwar il-korsijiet fuq *Social Wellbeing*. Wara diskussjoni s-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-post identifikat mhux tajjeb minħabba l-fatt li jista' jtellef lis-sewwieqa.

F'dan ir-rigward il-membri tal-Kunsill qablu unanimament sabiex nitolbu lis-Sa Fabri sabiex jiddentifikaw post alternattiv.

**17.6.4** Is-Sindku informa lill-membri dwar talba li l-Kunsill irċieva mingħand l-iSouts ta' Santa Venera sabiex jingħataw permess u ghajnuna biex jorganizzaw attivita. Is-Sindku qal li bħalissa l-membri qegħdin jagħmlu xogħol relatat mal-iscouts mid-dar sabiex ikomplu jżommu l-ispirtu tal-Iscouts għaddej. Waħda mill-ideat li ħarġu biha hi li jibnu dar għall-għasafar (birdhouse) mill-affarijiet li jsibu d-dar, preferibilment materjal riċiklat. Huma qed jitolbu lill-Kunsill sabiex wara li jkun għadda dan iż-żmien, il-*Birdhouses* jigu inwaħħla fil-ġonna madwar Santa Venera. Dawn l-istess tfal ser jingħataw kotba addattati bħala rikonoxximent ta' ħidmiethom.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament

### 17.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

#### 17.7.1 Sitwazzjoni tal-COVID19

Is-Sindku informa lill-membri li fis-sitwazzjoni li għaddejjin minnha, postijiet pubblici ġonna u l-latrina pubblika ġew magħluqa għaldaqstant is-Sindku qal li temporanjament għal l-għeluq u l-ftuħ tal-ġonna u għat-tindif tal-latrina pubblika, il-ħlasijiet ġew sospiżi ġie sospiż.

Wara diskussjoni s-Sindku ssuġġerixxa sabiex skont iż-żmien li dawn ser ikunu magħluqa jingħataw estenzjoni tal-kuntratt taż-żmien li jibqgħu magħluqa.

Kien hemm qbil unanimu sabiex nieħdu gwida minn naħa tad-Dipartiment dwar dan.

#### 17.7.2 Rapport Amministrattiv

Is-Sindku informa lill-membri li r-rapport Amministrattiv 2019 intbagħat lill-Kunsilliera flimkien mad-dokumenti tal-laqgħa u f'dan ir-rigward talab jekk kienx hemm xi emendi. Wara diskussjoni il-membri rrimarkaw li kien hemm xi punti neqsin u wara li dawn l-istess punti ġew diskussa, il-membri qablu sabiex ir-rapport Amministrattiv ikun rivedut.

Is-Sindku ppropona r-rapport Amministrattiv hekk kif ġie rivedut, is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

## 17.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F’din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti tas-sotto-Kumitati.

## 17.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

Is-Sindku stqarr li r-rinumerazzjoni tiegħu tax-xahar ta’ Marzu kien ser jgħaddieha bħala donazzjoni għall-COVID-19.

Il-Membri qablu li l-pagament Nru 151 Micamed Ltd jitħallas wara li x-xogħol ikun komplut.

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati.

Skeda ta’ pagament: Proponent: Silvo Vella u Sekondant: Kursten Dimech
Petty Cash: Firmatarji – Silvio Vella u Kursten Dimech

## 17.10 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 125 sa 186.

| | |
|---|---|
| 125 | Ħaddiema Assenjati |
| 143 | Ma tistax issir |
| 146 | Grima & Sons Ltd |
| 149 | Grima & Sons Ltd |
| 154 | Kuntrattur tal-iskart |
| 160 | Grima & Sons Ltd |
| 178 | Kuntrattur tal-Knis |
| 179 | Ħaddiema Assenjati – kaxxi jsiru bojod |
| 182 | Grima & Sons Ltd |
| 186 | i. Ħaddiema Assenjati<br>ii. Pulizija<br>iii. Pulizija |
| | Quddiem 47 Triq Carini minflok il-U Bar li għamilna u tneħħiet issir bollard – tinkiteb email lil TM dwar dan peress li kienet saret oġġezzjoni minn naħa tagħhom. |

## 16.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-8:15 pm u ġiet aġġornata għall-11 ta’ Mejju 2020, fis-6.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 11 ta’ Mejju, 2020